MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 32/2008/1

**Mark u Carmen konjugi Pace detenturi tal-karta ta’ l-identita’ 547677(M) u 513078(M) rispettivament ezercenti l-kummerc taht MarCar Services**

**vs**

**Malta Football Referees Association u b’digriet ta’ l-1 ta’ Dicembru 2008 gie kjamat in kawza l-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi fil-konfront tal-kjamat in kawza:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tal-kjamat fil-kawza ghall-hlas ta’ l-ammont ta’

Euro4409.19c rapprezentanti servizzi rezi lilhom in konnessjoni ma' servizzi ta' transport li l-istess atturi nomine rrendew lilhom hekk kif se jippruvaw l-istess atturi nomine f'din il-kawza flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez skond il-ligi bl-inkluz l-ittra ufficjali bin-numru 6595/07.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports naqas u ma deherx la fid-29 t'April 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra l-kjamat fil-kawza Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports.**"**

L-istess Qorti ppronunzjat is-segewnti sentenza fil-konfront ta' l-Assocjazzjoni konvenuta fis-27 ta' Mejju, 2009:-

**"**Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-30 ta' Jannar 2008 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-Assocjazzjoni konvenuta illi thallas l-ammont ta' Euro 4409.19c rapprezentanti servizzi rezi lilha in konnessjoni ma' servizzi ta' transport li l-istess atturi nomine rrendew lilha hekk kif se jippruvaw l-istess atturi nomine f'din il-kawza flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez skond il-ligi. L-inkluz l-ittra ufficjali bin-numru 6595/07.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Assocjazzjoni konvenuta Malta Football Referees Association fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontrihom stante li l-ammont mitlub mhux dovut mill-intimata.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-intimata Assocjazzjoni mhix il-legittimu kontradittur stante li qatt talbu ebda servizzi minghand ir-rikorrenti u ma tezisti u ma ezistiet ebda relazzjoni guridika.

Rat id-digriet ta’ l-1 ta’ Dicembru 2008 fejn awtorizzat il-kjamat fil-kawza tal-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports.

Rat illi l-Ministeru baqa’ kontumaci.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Mejju 2009 fejn laqghet it-talba ta’ l-atturi fil-konfront tal-kjamat fil-kawza fil-kontumaci ta’ l-istess kjamat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Qabel il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mill-Assocjazzjoni konvenuta permezz tal-verbal tad-19 ta’ Mejju, 2009 fejn invokat l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili bhala ostakolu ghall-azzjoni attrici.

Dan l-artikolu jippreskrivi azzjonijiet ta’ kull persuna, ghall-kera ta’ hwejjeg mobbli bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar.

Apparentement dan it-terminu ghadda favur l-Assocjazzjoni konvenuta, izda l-Qorti ma

jidhirlhiex li s-servizz prestat jikkwalifika fit-termini tal-artikolu fuq imsemmi.

Filwaqt li huwa minnu li l-attur qieghed fin-negozju ta' *car hire*, l-Assocjazzjoni konvenuta ma talbitx ghal kiri ta' karozzi izda ta' servizz ta' transport. Id-dokument MP a fol 14 mibghut mill-Assocjazzjoni konvenuta lill-attur jelenka fid-dettall is-servizz mitlub bil-gurnata, hinijiet u destinazzjoni. Kienet responsabbilta' ta' l-attur li jsib il-vetturi, xufiera u coaches biex jissodisfa t-talba. Dana ghamlu billi s-sub kontratta ma' terzi b'responsabbilta' diretta mieghu.

Ghalhekk, il-Qorti hi sodisfatta li l-Assocjazzjoni konvenuta talbet <u>servizz</u> u mhux kiri ta' hwejjeg mobbli u kwindi l-artikolu invokat ma japplikax. Mhux il-kaz li l-Qorti tfittex hi ghandux japplika terminu preskrittiv iehor.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur qieghed fin-negozju tat-*transport.* Fost dan, jikri karozzi u jipprovdi servizz ta' coaches b'*sub-contracting* kif ikun mitlub. Bejn it-18 ta' Dicembru 2003 u l-21 ta' Dicembru 2003 il-*Malta Football Referees Association* laqghet f'Malta kontingent ta' referees mill-Bulgarija. Ghal dan l-avveniment talbet l-isponsorship tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports liema sponsorship gie accettat u moghti. Mhuwiex car jekk it-transport kienx kopert b'dan l-isponsorship mil-Ministeru. Hu x'inhu, fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess Ministeru, l-Assocjazzjoni konvenuta qabbdet lill-attur sabiex jipprovdilha transport fil-granet fuq imsemmija u f'hinijiet illi talbet l-istess Assocjazzjoni. Dan is-servizz inghata u ma kienx hemm ilmenti.

Adrian Casha fol 43 li kien Segretarju ta' l-Assocjazzjoni konvenuta stqarr illi s-servizz kien wiehed tajjeb u ma kien hemm xejn xi tgerger minnu. Meta giet il-kwistjoni tal-hlas l-attur l-ewwel li avvicina kien lill-Assocjazzjoni li baghtitu ghand il-Ministeru stante l-isponsorship illi l-Ministeru kienet offriet. Izda jidher illi kien hemm xi kumplikazzjonijiet ghax il-hlas baqa' ma sarx.

Joseph Borda a fol 38 li kien fizzjal fil-Ministeru, *Events Coordinator*, qal illi t-talba ta' l-isponsorship minghand l-Assocjazzjoni giet ippruvata. Dak iz-zmien kien hemm segretarju Adrian Casha pero' Borda ma setghax ikun car jekk it-transport kienx inkluz fil-pakkett ta' ghajnuna. Semma illi probabbilment l-ghajnuna kienet giet moghtija *in kind* bhal servizz logistiku. Jaf illi kien hemm problema bil-hlas u pprova jghin billi jintervjeni fil-Ministeru, izda dak iz-zmien kien hemm xi *re-shuffle* fil-Ministeri u ghalhekk ma kienx jaf x'decizzjoni ttiehdet.

Il-President attwali ta' l-Assocjazzjoni Lawrence Sammut a fol 61 filwaqt illi kkonferma li kien hemm *sponsorship* mill-Ministeru, meta nduna li kien hemm kont li baqa' ma thallasx, ipprova jindaga fejn marru l-flus u gie moghti x'jifhem illi probabbilment il-flus hargu mill-Ministeru izda gew allokati ghal xi avveniment iehor. Ma setghax jispjega ezatt x'gara. Fi kwalunkwe kaz huwa ma kienx president dakinhar illi nghata s-servizz.

Ikkunsidrat.

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, rrizulta car illi l-Assocjazzjoni konvenuta kienet qabbdet lill-attur sabiex jipprovdi servizz ta' transport bejn it-18 ta' Dicembru u l-21 ta' Dicembru 2003. Dan is-servizz inghata. L-attur hareg *invoice* fejn baghtu lill-Assocjazzjoni li rreferietu lill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports fuq l-iskorta ta' sponsorship li l-Ministeru kien wieghed

lill-Assocjazzjoni. Hawnhekk il-kwistjoni stallat ghax ma kienx car jekk it-transport kienx inkluz fl-isponsorship imwieghed. Minkejja illi l-ufficjali fil-Ministeru fosthom Joseph Borda pprova jsib soluzzjoni ghal din il-vertenza, l-attur baqa' mhux imhallas ghas-servizz li huwa ta. Fost l-eccezzjonijiet l-Assocjazzjoni qieghda tissottometti li hija ma kienetx il-legittimu kontradittur ghax skond hi kien il-Ministeru kjamat fil-kawza.

Il-Qorti ma jidhirliex illi l-Assocjazzjoni ghandha ragun targumenta b'dan il-mod. Tajjeb jew hazin is-servizz gie mitlub u moghti lilha. Jekk kien hemm xi hadd li bbenefika minn dan is-servizz kienet proprju l-Assocjazzjoni, u kif jidher mid-Dokument MP a fol 14 it-talbiet ta' l-Assocjazzjoni kienu pjuttost estensivi li kienu jirrikjedu hafna xoghol ta' organizzazzjoni biex jigi mwettaq. Dan gie provdut b'certa professjonalita' mill-attur biex anke s-Segretarju ta' l-Assocjazzjoni ta' allura, Adrian Casha jiddikjara li s-servizz kien wiehed tajjeb u li ma kienx hemm xejn xi tgerger minnu.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi la l-beneficarja tas-servizz ta' l-attur kienet l-Assocjazzjoni konvenuta, quindi din ghandha taghmel tajjeb ghal dak is-servizz. Naturalment jekk jidhrilha li hija ghandha xi lment kontra l-Ministeru kjamat fil-kawza, din hija kwistjoni ta' bejniethom li m'ghandhiex taffettwa d-drittijiet ta' l-attur li f'dan il-kaz jigi *"res inter alios acta"*. L-inkarigu gie moghti direttament mill-Assocjazzjoni, accettat mill-attur, is-servizz inghata u gie accettat mill-Assocjazzjoni u quindi din ghandha thallas, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha ta' refuzzjoni jekk ikun il-kaz mill-Ministeru kjamat fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet ta' l-Assocjazzjoni konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-Assocjazzjoni

> konvenuta li thallas l-ammont ta' Euro4409.19c rapprezentanti servizzi rezi lill-Assocjazzjoni in konnessjoni ma' servizzi ta' transport li l-istess attur irrenda lill-Assocjazzjoni bejn it-18 ta' Dicembru u l-21 ta' Dicembru 2003.
>
> Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-Assocjazzjoni konvenuta.**"**

Minn dawn is-sentenzi appellaw kemm l-Assocjazzjoni konvenuta kif ukoll l-imsejjah fil-kawza l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports;

Il-Qorti tista' tiddisponi mill-ewwel mill-appell introdott mill-kjamat in kawza billi tqisu ghal kollox inammissibbli u fieragh. Dan principalment fuq zewg livelli, u cjoe:-

1. Il-prezentanta tieghu *fuori termine* fil-konfront tas-sentenza tat-12 ta' Mejju, 2009. Dan ghall-motiv illi dik l-istess sentenza ma kienetx tikkwalifika bhala wahda "preliminari" izda di fronte ghalih, bazata fuq il-kapitolu, wahda definittiva. Fuq il-punt gie spjegat minn din il-Qorti kif presjeduta illi "dan ghaliex b'dik is-sentenza krejata ghandek sitwazzjoni guridika ta' gudikat definittiv, fil-kompletezza tieghu, u mhux biss wiehed in parte. Ghall-effetti kollha taghha, is-sentenza taghmel stat bejn l-atturi u s-socjeta` kapitolata fuq l-accertament tal-mertu tat-talba, b'mod li ghas-socjeta` msejha fil-kawza kellha titqies *causa finita*. Biex tiskansa ruhha minn dik il-qaghda taghha, hi htiegilha tinterponi appell fit-terminu statutorju utli ghall-prezentata ta' appelli minn sentenzi ta' l-ewwel Qorti, kif preskritt mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili". Ara "**Stephen Vella *et* -vs- Bollicine Limited *et***", Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008;

2. Ukoll jekk rigwardat mill-ottika tas-sentenza tas-27 ta' Mejju 2009 li permezz taghha l-ewwel Qorti kkundannat lill-Assocjazzjoni konvenuta u dwar liema tirreferi l-eccezzjoni ta' l-atturi appellati tan-nullita ta' l-appell l-istess hi l-qaghda irritwali ta' l-appell propost

gjaladarba dan gie hekk intavolat fis-17 ta' Gunju, 2009. Li jfisser, ghaldaqstant, illi t-terminu utli skond il-previzjoni tal-Kodici ritwali (Artikolu 226(1)) gie eccedut b'gurnata;

Ma' dawn il-Qorti tista' zzid illi huwa dubitat kemm l-kjamat in kawza seta' bl-appell tieghu jinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 181(B) (3) tal-Kapitolu 12 ghan-nuqqas ta' notifika bl-att lill-Avukat Generali meta l-kap dipartimentali ma jkunx ukoll "konvenut" jew "intimat", ghaliex allura jkun ifisser illi l-Artikolu 961 ta' l-istess Kapitolu jigi rez nullifikanti anke fejn il-Qorti tista' hi stess tordna *ex ufficio,* kif ghandha kull dritt, is-sejha fil-kawza ta' xi kap dipartimentali ghal skop ta' integrita` tal-gudizzju;

Skartat dan l-appell ghar-ragunijiet kollha premessi l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-appell intavolat mill-Assocjazzjoni konvenuta b'dawn il-kontestazzjonijiet:-

1. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta tenniet li ma kienx car li s-Segretarjat fi hdan il-Ministeru kien accetta li ser ihallas ghas-servizz prestat mill-attur;

2. Ir-ragonament ta' l-istess l-ewwel Qorti li t-terminu preskrittiv skond l-Artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili ma japplikax hu wkoll zbaljat;

Fuq dan it-tieni aggravju l-Qorti tibda biex tinnota illi l-Assocjazzjoni appellanti assolutament ma toffri ebda motivazzjoni l-ghala, skond hi, l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni erroneja dwar it-terminu preskrittiv invokat. Ghal din il-Qorti din mhix serjeta tal-mod kif wiehed ghandu jipprezenta l-gravam tieghu lil din il-Qorti fuq xi kap tas-sentenza, u tigiha t-tentazzjoni li tiddeklina li tokkupa ruhha minn dan l-ilment. F'kull kaz, l-atti lanqas jiggjovaw lill-appellanti, trattasi ta' servizz komplet ta' trasport provvdut, ukoll bl-awzilju ta' sotto-kuntratturi. Ara d-dokument a fol. 14. Din ix-xorta ta' kontrattazzjoni mhix kolpita bil-preskrizzjoni liberatorja ta' tmintax-il xahar

skond l-Artikolu 2148 (f), hekk wiehed limitattiv ghall-azzjoni “ghall-kera ta’ hwejjeg mobbli”. Bla dubju, imbaghad, sewwa wkoll irriteniet l-ewwel Qorti illi mhux ghal gudikant li joqghod jirricerka liema xorta ta’ preskrizzjoni hi applikabbli ghaliex eccezzjoni bhal din hi wahda eskluzivament rizervata lill-parti, u mhux ukoll lill-Qorti adita. Ara Artikolu 2111, Kodici Civili. In vista ta’ dan li nghad dan l-aggravju qed jitqies infondat;

L-Assocjazzjoni appellanti mhix lanqas sostenuta mill-atti fuq l-ewwel ilment taghha fil-mertu. Apparti minn dak konsiderat mill-ewwel Qorti, u li din il-Qorti pjenament taqbel mieghu, hemm dawn ir-riflessjonijiet agguntivi x’isiru:-

(1) Il-vinkolu guridiku twieled mir-rapport negozjali bejn l-atturi u l-Assocjazzjoni konvenuta u dan inissel obbligazzjoni fl-Assocjazzjoni li taghmel tajjeb ghall-hlas tas-servizzi prestati. Il-fatti li, kif kontez, l-atturi kienu jafu li l-hlas kellu jsir mis-Segretarjat fil-Ministeru, ma jgibx ghal daqshekk biss illi huma accettaw li ghall-Assocjazzjoni jissotitwixxu lill-Ministeru jew li jehilsu lill-istess Assocjazzjoni minn kull obbligu kreditorju;

2. Biex dan seta’ jsir jew ried jissussisti dak ikkontemplat fl-Artikolu 1180 (3) tal-Kodici Civili riferibilment ghall-“*expromissio*” (ara “**Francesco Attard -vs- Andrea Brincat *et***”, Appell Kummercjali, 12 ta’ Gunju, 1953) jew dak mahsub bl-Artikolu 1183 ta’ l-istess Kodici relattiv ghad-“*delegazzjoni*”, u fejn allura ried ikollok l-espressa dikjarazzjoni ta’ volonta` mill-atturi li qed jehilsu lill-Assocjazzjoni debitrici deleganti. Jinsab deciz a propozitu illi “*la detta dichiarazione dev’essere espressa come per la novazione di qualunque specie, e non puo essere arguita da presunzioni*”. Ara “**Alfred Galea -vs- Alfredo Genovese**”, Appell Kummercjali, 1 ta’ Mejju, 1901. Altrimenti, kif issokta jigi ritenut, “*in difetto di una simile liberazione il nuovo debitore delegato diventa co-obligato col primo, e cioe un suo fideissore e garante*”. Ara “**Hermann Roth *nomine* -vs- Charles Piscopo**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ April, 1934;

(3) Minn dawn iz-zewg konfigurazzjonijiet guridici ma ghandna xejn fil-kaz prezenti. Il-kjamat in kawza kien u baqa' terz fir-rigward tar-rapport obbligatorju bejn l-atturi appellati u l-Assocjazzjoni, u ma jirrizultax fic-cert illi dak il-kjamat in kawza spontanjament assuma d-debitu naxxenti di fronte ghall-atturi-kredituri. Lanqas, del resto, ma jirrizulta illi kien hemm da parti ta' l-atturi l-espromissjoni liberatorja ta' l-Assocjazzjoni debitrici b'effett novattiv. L-*e-mails* ghal liema jirrikorri l-appellant ma jistghux, fil-hsieb tal-Qorti, lanqas jassumu dik l-individwalita` guridika li tiggustifika li l-atturi kien messhom iduru ghall-hlas kontra l-Ministeru u mhux kontra l-Assocjazzjoni, li maghha l-atturi kkontrattaw.

Ghall-konsiderazzjonijiet kollha predetti din il-Qorti fl-ewwel lok tichad l-appell tal-kjamat in kawza, bl-ispejjez kontra tieghu. Fit-tieni lok tirrespingi wkoll l-appell ta' l-Assocjazzjoni konvenuta fiz-zewg aggravji taghha, bl-ispejjez jitbatew minnha. Fit-tielet lok tikkonferma interament iz-zewg sentenzi ta' l-ewwel Qorti pronunzjati fit-12 ta' Mejju, 2009 u fis-27 ta' Mejju, 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------